BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 09/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 2013 fil-5.45pm**

| | |
|---|---|
| *Preżenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino** (Aġenda 6 u 7)<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia** (Aġenda 1,4 & 2)<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużati** | **Is-Sur Joseph Baldacchino** (Aġenda 1 sa 5)<br>**Is-Sur Carmelo Cachia** (Aġenda 3, 5, 6 u 7) |

## *AĠENDA -1*

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 08/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Zammit ippropona u C.Cachia ssekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 08/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## *AĠENDA -4*

Is-Sindku ppropona li l-Aġenda tiġi rranġata u bħala t-tieni punt jiġi diskuss l-*item* imniżżel bħala punt 4. Kulħadd qabel.

Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra l-*Project Description Statement* tal-Impjant ta' Delimara. Ġie spjegat mill-konsulent tal-Kunsill Lokali, il-Perit Carmel Cacopardo, li dan id-dokument jagħti deskrizzjoni ġenerali fuq il-proġett propost. Mis-sottomissjonijiet li jagħmlu l-entitajiet u l-pubbliku, jiġu deċiżi t-*Terms of Reference* li ser jindirizza l-*Environmental Impact Assessment*. Il-konsulent issuġġerixxa lis-sottomissjonijiet tal-Kunsill Lokali għandhom ikunu ġenerali li jolqtu l-aspetti kollha. Wara diskussjoni ġie deċiż li jiġu sottomessi punti fir-rigward ta' :

- *It is to be underlined that the community of Birzebbuga will be impacted by the activities of the projected gas power station, including its ancillary facilities. In particular it will be impacted visually as well as by its emissions and safety features as well as its conforming or otherwise to the various environmental policies/legislative measures referred to in the PDS.*

- *Birzebbuga Local Council underlines the need to monitor adequately air emissions, acoustic pollution, light pollution, pollution of the sea as well as impacts on flora and fauna in both Marsaxlokk Bay as well as the surrounding areas.*

- *This exercise is to be a cumulative one, that is, it has to take into consideration existing impacts in the area as the point of departure of any assessment.*

- *The supply of gas to be utilised in the power station as well as its method of storage needs to be adequately addressed in particular with reference to both the communities of Birzebbuga and Marsaxlokk as well as the users of Marsaxlokk Bay (eg. fishermen, various seacraft enthusiasts, as well as swimming and sports activities).*

- *In this respect Birzebbuga Local Council requires that the communities residing around Marsaxlokk Bay (ie. Marsaxlokk and Birzebbuga) be involved through their Local Councils in the Monitoring of the project both during its implementation as well as during its Operational stage.*

***<u>AĠENDA -2</u>***

*01/06 -* L-ANSEK qed toffri l-opportunita' lill-Kunsilli Lokali sabiex jissieħbu magħha bħala membri korporattivi. B'din is-sħubija l-ANSEK ser toffri lill-Kunsilli Lokali għadd ta' benefiċċji u sussidji. Kunsill b'7 membri jridu jħallsu l-ħlas annwali ta' €140.00. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-Kunsill Lokali għandu jidħol membru korporattiv f'din l-Assoċjazzjoni.

*02/06 -* Tressqet talba quddiem il-Kamra sabiex issir attivita' fil-Bajja s-Sabiħa b'risq *Josette Busuttil Darmanin Organization* u l-*Millenium Chapel*. Attivita' ta' ġurnata sħiħa, id-data għal din l-attivita' varjata m'hijiex fissa. Wara diskussjoni l-Kamra qablet mal-prinċipju ta' din l-attivita' pero' hemm punti li jridu jiġu diskussi mal-organizzaturi; fosthom punti dwar BBQ u bejgħ ta' xorb. Għaldaqstant il-Kamra qablet li tagħmel laqgħa mal-organizzaturi sabiex ikun hemm qbil fuq il-punti kollha.

*03/06 -* Il-Kunsill Lokali ntalab sabiex jagħti permess lil resident sabiex iċaqlaq u jgħolli blat li hemm fil-baħar taħt ir-residenza tiegħu. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqgħetx din it-talba minħabba li s-sit fejn irid jiġi mqiegħed il-blat, hemm pjanat il-kontinwazzjoni tal-*Promenade* tal-Qajjenza.

*04/06 -* Pinkish Line Ltd. qed turi x-xewqa li torganizza kunċert mużikali ġewwa Wied il-Buni nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu 2013. Il-qliegħ minn dan il-kunċert ser imur kollu biex jinxtara apparat speċjalizzat għat-trabi li jkunu rikoverati Mater Dei. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba u awgurat kull suċċess għall-attivita'.

*05/06 -* Tressqet talba minn Studio 7 Co. Ltd sabiex jiġi organizzat wieħed mill-programmi *Live* ta' 'Miss Malta' mill-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra ġiet infurmata li d-data ser taħbat ma' attivita' oħra fl-istess post u għaldaqstant ma tistax issir. Wara diskussjoni l-Kamra qablet fil-prinċipju li jsir dan il-programm pero' għandha tiġi maqbula data bejn iż-żewġ partijiet.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-offerti pubbliċi:

- *Offerta Pubblika Nru. 01/13* – Servizz ta' Tindif b'*Mechanical Sweeper* fuq il-*promenade* tal-Bajja s-Sabiħa

| Isem | TND No. | Item No. | Rimarki |
|---|---|---|---|
| David Tanti | 1 | €22,180,00 | |
| Saviour Mifsud | 2 | €9,750.00 | |
| Ronald & Chris Bezzina | 3 | €13,200.00 | (€150.00 per day) |
| Waste Collection Ltd | 4 | €7,260.00 | |

Il-Kamra ġiet ippreżentata bir-rakkomandazzjoni tal-bord li kien magħmul mis-Sindku, J. Farrugia, mill-Kunsillieri - S. Zammit u C.Cachia u minn Emanuel Mangion (rappreżentant tal-pubbliku). Il-bord irrakkomanda lill-kuntrattur Nru. 4 – Waste Collection Ltd. minħabba li kien l-orħos wieħed (*cheapest compliant*). Il-Kamra qablet ma' din ir-rakkomandazzjoni u għażlet lill-Waste Collection Ltd. bħala l-kuntrattur għal dan is-servizz.

- *Offerta Pubblika Nru. 02/13* – Provista u Installazzjoni ta' *steel fencing* fil-grawnd tal-Bajja s-Sabiħa

| Isem | TND No. | Item No. As per specs | Item No. Option 1 | Item No. Option 2 | Item No. Option 3 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jamar | 1 | €60,749.00 | €54,929.00 | - | - | |
| Jonathan Camilleri | 2 | €64,828.00 | €46,988.00 | - | - | |
| Deba Enterprises Co. Ltd | 3 | €31,527.00 | €28,822.00 | €34,809.00 | €32,107.00 | |
| Steel Shape Ltd | 4 | €36,793.00 | - | - | - | |

Il-Kamra ġiet ippreżentata bir-rakkomandazzjoni tal-bord li kien magħmul mis-Sindku, J. Farrugia, mill-Viċi-Sindku K.Barun u mill-Kunsillier, J.Baldacchino u minn Emanuel Mangion (rappreżentant tal-pubbliku). Il-bord irrakkomanda lill-kuntrattur Nru. 3 Deba Enterprises Co. Ltd. minħabba li kien l-orħos wieħed (*cheapest compliant*). Il-Kamra qablet ma' din ir-rakkomandazzjoni u għażlet lil Deba Enterprises Co. Ltd. bħala l-kuntrattur għal dan ix-xogħol.

***AĠENDA -5***

Il-Kamra għaddiet sabiex jiġi diskuss l-andament tal-festa titulari ta' San Pietru 2013. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha żżomm ma' l-istess proċeduri u regoli tas-sena li għaddiet, fosthom:

- il-kundizzjonijiet tal-permessi tal-gabbani
- il-kundizzjonijiet tal-permessi tat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet tal-ħwienet
- it-tindif fil-ġimgħa tal-festa
- it-tqegħid ta' *Mobile Toilets* fi Triq Żarenu Dalli
- permess ta' tfiegħ ta' karti jibqa' miftugħ biss għall-każini tal-baned, bil-kundizzjoni li jitnaddaf is-sit mill-karti mitfugħa.
- nagħmlu reklami tal-Kunsill Lokali fil-kotba tal-festa

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda l-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi l-Kamra qablet li titħallas is-somma ta' €336,882.48 skont Skeda Nru. 06/13.

***AĠENDA -7***

1) L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :

- fl-attivita' ta' 'Jum il-Missier' kien hemm dħul ta' €817.00 u ħruġ ta' €829.50. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' €12.50

- l-Enemalta żiedet il-kumpens għat-tqaċċit tal-awrikarji għal sitt siġriet flok erbgħa. Il-Kamra ħasset li m'hijiex qed tiġi trattata bis-serjeta' u għaldaqstant għanda tintalab laqgħa maċ-Chairman.

- ħarġet is-sejħa tal-Gvern għal Pool tas-Segretarji Eżekuttivi.

- mill-1 ta' Lulju l-MTA bi sħab mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ser tniedi proġett pilota għall-applikazzjoni għall-*Blue Flag* fil-Bajja s-Sabiħa. Il-proċess ser jibda' billi dan is-sajf ser jiġu ntrodotti bosta inizjattivi fosthom *lifeguards*, separazzjoni tal-iskart, *mobile library* u *beach buggy* għall-persuni b'diżabilita' fil-Bajja s-Sabiħa.

2) Il-Viċi Sindku, is-Sur K.Barun :

- talab lill-kunsillieri sabiex sa l-aħħar ta' Lulju jkunu lestew u taw lill-amministrazzjoni l-artikli għall-*magazine*.

- informa l-Kamra li fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali kien hemm talba sabiex tiġi organizzata laqgħa mal-Gvern sabiex il-komunita' ta' Birżebbuġa issemma' leħinha. Is-Sindku nforma l-Kamra li fil-ġimgħat li ġejjin il-Gvern ser ikun qed jorganizza laqgħat simili għal-lokalitajiet u għaldaqstant ikun għaqli li nistennew fejn dawn il-laqgħat ser iwasslu. Kulħadd qabel.

- saħaq li għandu jsir *reinstatement* sewwa fi Triq Birżebbuġa wara li ġiet irranġata ħsara tal-Enemalta.

- wera d-diżappunt tiegħu fuq nuqqas ta' komunikazzjoni li kien hemm bejn id-diriġenti u x-xufiera tal-Arriva meta ngħalqet għat-traffiku parti mill-Bajja s-Sabiħa

3) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit:

- Informa l-Kamra li minħabba li hemm partijiet mudlama fuq il-*promenade* tal-Bajja s-Sabiħa, qed iġib kwotazzjonijiet għal dawl minn mal-art. Il-kwotazzjonijiet ivarjaw. Wara diskussjoni l-Kamra talbet li dan ix-xogħol għandu jkun inkluż fil-*masterplan* tal-Bajja s-Sabiħa, li qed isir mill-Perit. Kulħadd qabel.

- Talab lis-Sindku jinforma l-Kamra bil-punti li ġew diskussi mal-Onor. Konrad Mizzi waqt laqgħa ma' rappreżentanti tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma l-Kamra li l-punti li ġew diskussi kienu :

- il-possibbilta' tar-rilokazzjoni tat-31st March Depot
- il-possibbilta' tar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol li tinsab f'Misraħ is-Summit
- it-tnixxija ta' l-ilma fi Triq Tal-Gurgier
- il-medda tad-drenaġġ fil-Bajja s-Sabiħa

- Ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li għalkemm il-Kunsill Lokali kien infurmat lir-Rig taż-Żejt ma kellux idum sorġut mal-Freeport, dan għadu hemm. Għalkemm fil-*Monitoring Committee* qed isir qbil fuq ħafna affarijiet, wieħed jista' jinnota li ftit li xejn qiegħed jiġi mwettaq biex intaffu l-problemi li l-Port Ħieles joħloq lill-komunita'.

- Irringrazzja tar-rampi li saru Wied il-Buni u fakkar sabiex isiru r-*railings* neċessarji. Is-Sindku nforma l-Kamra li r-*railings* ordnati u waslu biex jitwaħħlu.

- Informa l-Kamra fir-rigward ta' Għar Dalam Junction fejn ix-xogħol pjanat waqaf temporanjament sabiex isiru l-istimi neċessarji għaliex ix-xogħol mibdi kien ibbażat fuq pjanti mhux *aġġornati.*

- Ix-xogħol fuq il-Kappella tad-Duluri qiegħed *behind schedule*.

- Irrimarka li l-Ministru Joe Mizzi ma kienx korrett meta nforma l-Kunsill Lokali li meta ħareġ it-*tender* ma kienx hemm flus allokati għall-proġett. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni kif il-*budget* tal-Gvern jaħdem fuq *cash basis* u għaldaqstant dawk il-flus li ma jkunux ġew minfuqa fis-sena li għaliha jkun hemm il-vot, il-fondi ma jiġux trasferiti awtomatikament għas-sena ta' wara. J.Baldacchino irrimarka li l-Ministru seta' kien misinfurmat pero' l-proġett qed jingħata prijorita' mill-Gvern.

4) Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace :

- Talbet sabiex dawk il-ħwienet li wrew l-interess li jipparteċipaw f'Inġeddu Tfulitna jiġi miżbugħ il-*line* aħdar quddiem il-ħanut tagħhom għall-ħruġ ta' mwejjed u siġġijiet.

- Infurmat lill-Kamra lir-reklam fir-rigward ta' 'Inġeddu Tfultina' fuq il-Gwida ġie ppubblikat it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2013.

5) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat:

- Talab sabiex il-Kamra tibda tikkunsidra l-possibbilta' ta' *Bye-Law* għal reklamar fuq *Street Furniture.* Kulħadd qabel.

6) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia

- Informa l-Kamra li wara li tlestiet l-ewwel fażi ta' kisi mill-ġdid tal-Bajja s-Sabiħa, ġie nnotat li nħoloq maqgħad tal-ilma. Ġie minnufih mgħarraf il-kuntrattur u l-iżball ser jiġi rranġat meta titkompla it-tieni fażi tal-proġett.

- Issuġġerixxa li l-Kunsill Lokali għandu jitlob *sponsor* lill-Freeport għall-attivita' 'Inġeddu Tfulitna'. J. Baldacchino saħaq li l-Kunsill għandu jiftaħ diskussjoni mal-Port Ħieles sabiex isir ftehim fuq pakkett ta' kumpens b'risq il-komunita' ta' Birżebbuġa. Dan il-pakkett għandu jkun jirrifletti l-impatt li l-Port Ħieles għandu fuq il-komunita' sabiex jinħoloq bilanċ. Kulħadd qabel.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 25 ta' Lulju 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................... |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |